

32003L0001

L 5/14

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

10.1.2003

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2003/1/KE**tas -6 ta' Jannar 2003****li tadatta għall-progress tekniku l-Anness II tad-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-prodotti kosmetiċi****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkonsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkonsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KEE tas-27 ta' Lulju 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-prodotti kosmetiċi ⁽¹⁾, kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/34/KE ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) tagħha,

Wara li ikkonsultat il-Kumitat Xjentifiku dwar Prodotti Kosmetiċi u Prodotti mhux għall-ikel intiżi għall-konsumaturi,

Billi:

- (1) In-numru ta' referenza 419 ta' l-Anness II tad-Direttiva 76/768/KEE li fiha lista ta' sustanzi li ma għandhomx ikunu fi prodotti kosmetiċi hi bħalissa allineata mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/534/KE tat-30 ta' Lulju 1997 fuq il-projbizzjoni ta' materjal li jippreżenta riskju ta' enċefalopatiji sponġiformi tramissibbli ⁽³⁾. Dik id-Deċiżjoni tħassret bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/418/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li tirregola l-użu ta' materjal li jippreżenta riskju ta' enċefalopatiji sponġiformi trasmissibbli u temenda d-Deċiżjoni 94/474/KE ⁽⁴⁾. Rigward l-opinjoni tal-Kumitat Xjentifiku dwar Prodotti Kosmetiċi u Prodotti mhux għall-ikel intiżi għall-konsumaturi (SCCNFP) jixraq li n-numru ta' referenza 419 ta' l-Anness II tad-Direttiva 76/768/KEE jiġi allineat mar-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jstipula regoli għall-prevenzjoni, l-kontroll u l-eradikazzjoni ta' ċerti enċefalopatiji sponġiformi trasmissibbli ⁽⁵⁾, kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 270/2002 ⁽⁶⁾.
- (2) Referenza għal materjali riskjużi speċifikati kif imsemmin jin f'L-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001, għandha tiddaħħal fin-numru ta' referenza 419 ta' l-Anness II tad-Direttiva 76/768/KEE.
- (3) Isegwi mill-Artikolu 22(1) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001, madankollu, li d-dispożizzjonijiet ta' l-Anness XI Parti A ta' dak ir-Regolament jibqgħu jgħoddu

sad-data ta' adozzjoni ta' deċiżjoni li warajha jibded jgħoddu l-Artikolu 8 ta' dak ir-Regolament u l-Anness V tiegħu. Għalhekk, in-numru ta' referenza 419 ta' l-Anness II tad-Direttiva 76/768/KEE għandu jirreferi ukoll għall-Anness XI Parti A tar-Regolament (KE) Nru 999/2001.

- (4) Id-Direttiva 76/768/KEE għalhekk għandha tkun emendata.
- (5) Minħabba n-natura speċifika tal-materjali riskjużi, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jieħdu l-miżuri previsti f'din id-Direttiva mingħajr ma jkollhom għalfejn jistennaw l-aħħar data speċifikata.
- (6) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat fuq l-Adattament għall-Progress Tekniku tad-Direttivi dwar it-tneħħija ta' Ostakoli Tekniċi għall-Kummerċ fis-Settur tal-Prodotti Kosmetiċi.

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness II tad-Direttiva 76/768/KEE hu emendat skond l-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa kollha biex jiżguraw li mill-15 t'April 2003 l-aktar tard ebda prodotti kosmetiċi li jonqsu li jikkonformaw ma' din id-Direttiva ma jit-qiegħdu fis-suq minn manifatturi tal-Komunità jew importaturi stabbiliti fi ħdan il-Komunità.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa kollha biex jiżguraw li l-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 ma jinbiegħux jew ma jinġatawx lill-konsumatur finali wara l-15 t'April 2003 l-aktar tard.

Artikolu 3

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva mhux iktar tard mill-15 t'April 2003. Huma għandhom jinfirmaw b'dan lill-Kummissjoni minnufih.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikollhom magħhom tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir din ir-riferenza.

⁽¹⁾ ĠU L 262, tas-27.9.1976, p. 169.

⁽²⁾ ĠU L 102, tat-18.4.2002, p. 19.

⁽³⁾ ĠU L 216, tat-8.8.1997, p. 95.

⁽⁴⁾ ĠU L 158, tat-30.6.2000, p. 76.

⁽⁵⁾ ĠU L 147, tal-31.5.2001, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU L 45, tal-15.2.2002, p. 4.

Artikolu 4

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Artikolu 5

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-6 ta' Jannar 2003.

Għall-Kummissjoni

Erkki LIIKANEN

Membri tal-Kummissjoni

ANNEX

Fin-numru ta' referenza 419 ta' l-Anness II tad-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KEE is-sentenzi

- “(a) il-kranju, inklużi il-moħħ u l-għajnejn, it-tunsilli u l-korda spinali tan-nervituri ta’:
- bhejjem bovini li għandhom 12-il xahar,
 - bhejjem ovini u kaprini li għandhom iktar minn 12-il xahar jew li għandhom sinna inċiżiva permanenti li spuntat mill-ħanek;
- (b) il-milsiet ta’ bhejjem ovini u kaprini u ingredjenti magħmulin minnhom.’

”jinbidlu b’dawn is-sentenzi:

“Mid-data li hemm imsemmija fl-Artikolu 22(1) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*), il-materjali riskjużi speċifikati kif imsemmijin fl-Anness V ta’ dak ir-Regolament, u ingredjenti li ġejjin minnhom.

Sa dik id-data il-materjali riskjużi speċifikati kif imsemmijin fl-Anness XI Parti A għar-Regolament (KE) Nru 999/2001, u ingredjenti li ġejjin minnhom.

(*) ĠU L 147, tal-31.5.2001, p. 1.”